MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 9/2003/1

**Horace sive Grezzju Cassar**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat milli tiehu konjizzjoni aktar ta' rikors maghmul minn Horace sive Grezzju Spiteri u dan skond ma jipprovdi l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-

Kostituzzjoni[1] (u d-disposizzjoni korrispondenti ta' l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319) peress ir-rikorrent kellu mezz xieraq ta' rimedju, ghall-ksur minnu lamentat, taht ligi ordinarja, liema rimedju ordinarju huwa kien ghazel li ma jaghmilx uzu minnu.

2. Fir-rikors promotorju r-rikorrent, illum appellant, kien ilmenta li b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Jason Agius) v. Grezzju sive Horace sive Louis Cassar*** (App. nru 184/02) kien inkiser id-dritt tieghu, protett bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u bl-Artkolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, li huwa ma jinghatax piena ghal reat oghla minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien tal-kommissjoni ta' l-istess reat.

3. Il-fatti kienu, brevement, is-segwenti:

a. B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-3 ta' Lulju, 1998, Cassar kien gie kkundannat ghall-piena ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin, u dan fuq reati ta' serq (kwalifikat bil-hin, mezz u valur) u ta' hsara volontarja fi proprjeta`, bl-aggravju tar-recidiva. Dawn ir-reati sehhew f'Ottubru 1997;

b. Fit-22 ta' Marzu, 2000 Cassar rega' tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat b'diversi reati kommessi f'dak l-istess xahar ta' Marzu 2000, u cioe` serq ta' vettura (kwalifikat bil-mezz, valur, lok, hin u xorta tal-haga misruqa), serq ta' flus kwalifikat bil-vjolenza, li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq diversi persuni, zewg tentattivi ta' serq (ukoll kwalifikati), ricettazzjoni, u bl-aggravju tar-recidiva, u li kkommetta dawn ir-reati u ohrajn fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fit-3 ta' Lulju, 1998 (*supra*, "a");

---

[1] "…Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra" – Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni. Fil-Kap. 319 l-ahhar tlett kelmiet ta' din id-disposizzjoni huma, ghal ragunijiet ovvji, "…skond xi ligi ordinarja ohra".

c. B’sentenza moghtija fl-24 ta’ Lulju, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (issa bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali), wara li lliberatu biss mill-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni, sabitu hati tar-reati l-ohra kollha u (i) ordnat l-attivazzjoni tas-sentenza sospiza ta’ 22 xhar prigunerija tat-3 ta’ Lulju, 1998, u (ii) dwar ir-reati l-ohra (ad eccezzjoni tar-ricettazzjoni) li dwarhom sabitu hati, ikkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija fil-minimu taghha li, skond dik il-Qorti Inferjuri, kien ta’ tlett xhur;

d. Cassar appella minn din is-sentenza tal-24 ta’ Lulju, 2004 quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Huwa ressaq tlett aggravji. It-tielet wiehed minn dawn kien li, bla pregudizzju ghall-ewwel tnejn, kellu jkun hemm temperament fil-piena minhabba c-cirkostanzi personali tieghu u ghalhekk talab li flok piena karcerarja jkun hemm mizura ta’ natura mhux karcerarja. L-ewwel zewg aggravji kienu jirrigwardaw l-attivazzjoni tas-sentenza sospiza (tat-3 ta’ Lulju, 1998). Dawn iz-zewg aggravji huma fis-sens li l-attivazzjoni ta’ din is-sentenza kienet tammonta ghal li hu jigi assoggettat darbtejn ghall-proceduri penali ghal l-istess fatt (u ghalhekk kontra l-principju tan-*ne bis in idem*) – skond l-ewwel aggravju peress li f’kawza ohra huwa kien diga gie “imputat” li kkommetta reat fil-perijodu operattiv tal-erba’ snin tas-sentenza sospiza tat-3 ta’ Lulju, 1998 u, skond it-tieni aggravju, peress li hu kien diga gie “trattat” ghall-fatt li kien ikkommetta reat li ghandu l-piena ta’ prigunerija f’dan il-perijodu operattiv ta’ erba’ snin. Dawn u dawn biss kienu l-aggravji ta’ Cassar kontra s-sentenza tal-24 ta’ Lulju, 2004. Imkien fir-rikors ta’ appell ma hemm xi accenn ghall-principju tan-non-retroattivita` tal-piena jew ta’ kif l-attivazzjoni ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija kellha tigi applikata meta l-persuna kkundannat tkun qed tinstab hatja wkoll ta’ reati li ghandhom il-piena ta’ prigunerija.

e. Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, bis-sentenza taghha tat-23 ta’ Jannar, 2003 irrespingiet l-aggravji kif imressqa minn Cassar u konsegwentement ikkonfermat is-sentenza appellata, cioe` li tigi attivata s-sentenza sospiza ta’ tnejn u ghoxrin xahar u t-tlett xhur prigunerija ma’ dawk it-tnejn u ghoxrin xahar.

4. Fir-rikors promotorju Cassar jikkontendi li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali li quddiemhom kien il-kaz tieghu – il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u, in segwitu, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali – ma setghux jattivaw is-sentenza ta' 22 xahar u jzidu maghhom tlett xhur, u dan peress li f'Marzu tas-sena 2000 (meta allura gew kommessi l-ahhar "grupp" ta' reati fil-perijodu operattiv) kien ghadu fis-sehh is-subartikolu (2) tal-Artikolu 28E tal-Kodici Kriminali, li kien jipprovdi hekk: *"Meta l-qorti li tkun qeghda titratta mal-hati dwar sentenza sospiza li tkun ghadha ma bdietx issehh, taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 28B, u l-qorti tkun il-Qorti Kriminali jew l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ghal sentenza sospiza, dik il-qorti ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 17 u taghti zmien wiehed ta' prigunerija skond dawk id-disposizzjonijiet ghar-reat originali u ghar-reat l-iehor."* Din id-disposizzjoni thassret biss wara d-19 ta' April, 2002 permezz tal-Avviz Legali 94/2002.

5. L-Artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk: *"…persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` persunali, tigi kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien, b'dan li z-zmien li jinghata ma jiskorrix hamsa u tletin sena."* Cassar argumenta quddiem il-Prim Awla li galadarba kellha tigi applikata mill-Qorti tal-Magistrati u, *semble*, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali din ir-regola dwar il-konkors tar-reati u pieni, u ma gietx, huwa jigi li nghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli jew li setghet tigi imposta meta huwa kkommetta r-reati li taghhom kien qed jinstab hati. Huwa ghalhekk talab li jkun hemm dikjarazzjoni li gew lezi d-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikoli 7 u 39(8) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament, u li jinghata rimedju effettiv fosthom li l-Prim Awla tissostitwixxi l-piena inflitta bis-sentenza tal-24 ta' Lulju, 2002 (kif konfermata bis-sentenza tat-23 ta' Jannar, 2003) *"…b'wahda applikabbli skond il-ligi* in vigore *fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati* de quo *kif hawn fuq spjegat, u billi taghti kwalunkwe rimedju iehor li tqis xieraq fic-cirkostanzi…"*.

6. Kif inghad, il-Prim Awla tal-Qorti Civili rriteniet li kellha tiddeklina li tezercita s-setghat taghha u dan peress li Cassar kellu r-rimedju ta’ l-appell, izda fir-rikors ta’ appell tieghu f’ebda waqt ma accenna jew invoka din il-kwistjoni ta’ ligi transitorja. Dik il-Qorti kompliet hekk:

**“Kemm il-Kostituzzjoni ta’ Malta kif u wkoll l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jghidu illi din il-Qorti tista’ tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha taht dawk il-ligijiet f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrent skond xi ligi ohra. Dan huwa kaz fejn jidher car illi r-rikorrent kellu r-rimedju li jqanqal quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali il-kwistjoni li qanqal illum.**

**“Din il-Qorti kienet forsi, eccezzjonalment, taghzel li xorta tinqeda bis-setghat taghha taht il-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali li kieku l-piena li nghatat lir-rikorrent kienet qrib, jew taqbez, il-massimu li tippermetti l-ligi. Fil-kaz tal-lum, izda, il-piena li nghata r-rkorrent b’kollox, ukoll minghajr l-applikazzjoni ta’ l-Art. 28E(2) u 17(b), hija eqreb tal-minimu li seta’ nghata milli tal-massimu.**

**“Fic-cirkostanzi tal-lum, u ukoll biex ma tinkoraggix il-possibilita` tal-prattika ta’ l-ghazla ‘strategika’ tal-waqt meta jitqanqlu certi aggravji, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma ghandhiex tinqeda bis-setghat taghha taht il-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali ghax ir-rikorrent kellu mezz xieraq ta’ rimedju taht il-ligi ordinarja ghall-ksur allegat.**

**“Ghalhekk ma tqisx aktar ir-rikors.**

**“L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandu jhallashom ir-rikorrent.”**

7. L-appellant ma qabilx ma’ dan. Fir-rikors ta’ appell tieghu tal-10 ta’ Gunju, 2003 huwa jghid li fir-rikors ta’ appell tieghu mis-sentenza tal-24 ta’ Lulju, 2002 (kif ukoll fir-rikors ta’ appell minn sentenza ohra – tas-26 ta’

Settembru, 2002 – liema appell gie wkoll deciz mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-23 ta’ Jannar, 2003: App. nru 219/02) huwa itratta estensivament fuq il-piena, u bil-fatt li kien appell limitat ghall-piena *“…minn hekk biss diga` wiehed jiddubita kif jista’ jinghad illi l-lanjanza ma tqajmitx meta hekk kien imissu jsir.”* Jilmenta wkoll l-appellant li dan certament ma kienx kaz fejn seta’ kien b’xi mod “desiderabbli” ghall-Prim Awla li tiddeklina milli tezercita s-setgha taghha u dan peress li *“…huwa fil-fatt gie kkundannat ghall-piena li hija legalment ingusta…”*.

8. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha, inkluzi l-atti ta’ l-appelli numru 219/02 u 184/02, ma tistax ma tqisx dana l-appell bhala wiehed altament fieragh u vessatorju. Jibda biex jinghad li, permezz tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tat-23 ta’ Jannar, 2003 nru 219/02, dik il-Qorti Superjuri effettivament irriformat is-sentenza tas-26 ta’ Settembru, 2002 billi hassret dik il-parti taghha fejn kienet giet ordnata l-attivazzjoni tas-sentenza tat-3 ta’ Lulju, 1998 u dan peress li dik l-attivazzjoni kienet ser titwettaq f’kawza ohra u cioe` fl-appell nru 184/02. Ghalhekk, l-atti ta’ l-appell nru 219/02 ftit li xejn ghandhom relevanza ghall-meritu tal-vertenza. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rikors ta’ appell fil-kawza nru 219/02 u fih ma hemm lanqas l-icken accenn ghall-kwistjoni ta’ l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 17(b) u 28E(2) tal-Kodici Kriminali. L-istess jista jinghad ghar-rikors ta’ appell fin-numru 184/02 – dan ir-rikors b’ebda mod ma jista’ jinghad li lmenta dwar l-applikazzjoni hazina tal-piena minhabba li ma gewx applikati l-imsemmija zewg disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk il-Prim Awla kienet pjenament gustifikata meta rriteniet li r-rikorrent kellu mezz ta’ rimedju xieraq li huwa ma kienx utilizzah u li ghalhekk kien jiggustifika li hija tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u taht il-Kap. 319.

9. Pero` hemm raguni ohra u aktar fondamentali ghala mhux biss l-appell odjern izda din il-kawza kollha kemm hi hija wahda fieragh u vessatorja. Ankorke` huwa koncess li fil-kawza nru 184/02 kellhom jigu applikati d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 17(b) u 28E(2) tal-Kap. 9, u li

dawn ma gewx, b'ebda mod ma jista jinghad li Cassar inghata piena ta' prigunerija oghla minn dik li kienet applikabbli jew li setghet tigi imposta f'Marzu 2000. Jekk wiehed jiehu r-reat ta' serq kwalifikat biss bil-mezz[2] (u kemm fis-sentenza tat-3 ta' Lulju, 1998 kif ukoll f'dik tal-24 ta' Lulju, 2002 kienet instabet htija fil-konfront ta' Cassar ta' serq kwalifikat *inter alia* bil-mezz) il-massimu tal-piena huwa ta' tlett snin prigunerija. Ghalhekk anke li kieku giet applikata d-disposizzjoni tal-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 17 tal-Kodici Krminali, il-qorti setghet tapplika piena in eccess ta' tlett snin prigunerija (*"…[il]-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien…"*). Il-piena li fil-fatt inghatat – 22 xahar piu` tlett xhur ohra, total ta' 25 xahar – hija ferm anqas mill-piena massima ghal wiehed biss mir-reati ta' serq li dwarhom Cassar kien gie misjub hati, u dana meta s-serqa wahda tqisha kwalifikata biss bil-mezz. Kif jinghad fil-ktieb ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** [3]:

**"The *nulla poena* principle in its requirements of legal certainty does not go to such lengths that the exact measure of the penalty, or an exhaustive enumeration of alternatives, must be laid down in the criminal law provision. If, as is customary in several legal systems, only the maxima are indicated, the legal subjects know what is the maximum penalty they may incur upon violation of the norm. If violation of the norm is penalised without a maximum being laid down, in the literal senes there can be no question of 'a heavier penalty (…) than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed', unless at the latter time a different penalty was provided for. In that case, however, the second sentence of Article 7(1) will have to be interpreted to mean that the 'applicable penalty' is the penalty which is usually inflicted for that particular offence within the legal system concerned, or which at all events was**

[2] Artikolu 278(1) tal-Kodici Kriminali.
[3] Van Dijk u van Hoof, Kluwer Law International (The Hague), 1998.

**reasonably to be expected for the offender."** (pagna 483-484).

10. Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant Cassar ihallas l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------